IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2017
COM(2017) 675 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

It-twettiq ta' mobilità b'emissjonijiet baxxi

Unoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u l-ħaddiema tagħha

MT MT

“Irrid li l-Ewropa jkollha f’idejha t-tmun tat-taqtigħa kontra t-tibdil fil-klima

Il-Kummissjoni trid li tagħmel l-industrija tagħna waħda aktar qawwija u aktar kompetittiva

Nappella lill-industrija tal-karozzi biex ikunu onesti magħhom infushom u jġibuha żewġ. Minflok joqogħdu jgħarrxu għal-lakuni, imisshom qegħdin jinvestu fil-karozzi nodfa għal għada pitgħada

Il-Kummissjoni dalwaqt se tippreżenta proposti biex innaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju tas-settur tat-trasport tagħna”

Il-President Jean-Claude Juncker,
Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, it-13 ta’ Settembru 2017

1. Introduzzjoni

It-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-ikbar sfidi li qed tiffaċċja l-umanità fiż-żmien tal-lum. Il-futur tal-pjaneta tagħna jinsab fil-periklu. Dan ġie rikonoxxut mill-komunità internazzjonali f'Pariġi f'Diċembru 2015, meta ntlaħaq ftehim verament storiku dwar it-tibdil fil-klima. Il-Ftehim ta' Pariġi wera li l-mixja lejn soċjetà moderna u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju mhijiex biss indispensabbli, iżda issa saret possibli wkoll.

L-Unjoni Ewropea qed tmexxi bl-eżempju. L-azzjoni tagħha biex tmexxi l-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima hija ċentrali għall-aġenda pożittiva tal-UE "*fil-ħolqien ta' Ewropa li tipproteġi, Ewropa li tagħti s-setgħa, Ewropa li tiddefendi*"[1]. **It-tranżizzjoni għal ekonomija moderna u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju** hija prijorità politika ewlenija għall-Kummissjoni Ewropea u hija stabbilita fil-prijorità tagħha li tiżviluppa **Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem**. L-objettiv huwa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li tilqa' l-isfida tat-tibdil fil-klima u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini, filwaqt li fl-istess ħin iżżomm u testendi l-vantaġġ kompetittiv tal-industriji tagħna biex jinħolqu impjiegi, jiġi ġġenerat tkabbir ekonomiku sostenibbli, u tiġi xprunata l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tal-enerġiji rinnovabbli. Dan ifisser li qed tistinka biex issir il-mexxejja dinjija fl-innovazzjoni, fid-diġitalizzazzjoni u fid-dekarbonizzazzjoni[2]. Dawn l-iżviluppi jistgħu jkunu ta' tfixkil ukoll, joħolqu impjiegi ġodda filwaqt li jagħmlu oħrajn obsoleti, u dan ikun jeħtieġ ħiliet ġodda u taħriġ mill-ġdid. Għaldaqstant, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju hija kemm opportunità kif ukoll sfida għall-industrija tal-UE.

Is-settur tat-trasport jikkontribwixxi bil-kbir għall-ekonomija tal-UE, għall-impjiegi u għall-mobilità taċ-ċittadini. Is-settur tat-trasport u tal-ħżin jimpjega aktar minn 11-il miljun persuna fl-UE, u dan huwa aktar minn 5 fil-mija tal-impjiegi totali[3] u jiġġenera kważi 5 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross tal-UE[4]. Dan jammonta għal madwar 20 fil-mija tal-esportazzjonijiet lejn is-sħab kummerċjali prinċipali tal-UE.

Iżda fl-istess ħin, it-trasport huwa kontributur kbir għall-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra tal-Ewropa - l-enerġija biss taqbżu, u huwa wkoll responsabbli għal tniġġis qawwi tal-arja fiż-żoni urbani tagħna. It-tbassir kollu jissuġġerixxi li l-attivitajiet tat-trasport madwar l-Ewropa se jkomplu jikbru. Mill-2010 sal-2050, huwa stmat li t-trasport tal-passiġġieri se jikber b'madwar 42 fil-mija. It-trasport tal-merkanzija huwa mistenni li jiżdied b'60 fil-mija[5]. Din it-tendenza tagħmilha aktar diffiċli biex tinkiseb sistema ta' mobilità sostenibbli.

It-trasport jirrappreżenta kważi kwart mill-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra tal-Ewropa u huwa l-kawża ewlenija tat-tnaqqis fil- kwalità tal-arja fl-ibliet, u dan joħloq theddida serja għas-saħħa pubblika. It-trasport bit-triq waħdu huwa responsabbli għal kważi 20 fil-mija tal-emissjonijiet totali tal-UE u 73 fil-mija tal-emissjonijiet mit-trasport[6].

---

1 Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea (2016) tal-President Juncker, l-14 ta' Settembru 2016; il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, l-24 ta' Ottubru 2014.

2 COM(2017) 479.

3 Stħarriġ tal-EUROSTAT dwar il-Forza tax-Xogħol, dejta tal-2016, għall-NACE H: "Trasport u Ħżin".

4 Il-Kontijiet Nazzjonali tal-EUROSTAT, dejta tal-2014, għall-NACE H: "Trasport u Ħżin".

5 Ir-referenzi tad-dejta kollha jinsabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2017) 177.

6 Fl-UE l-ammont ta' nies li jmutu b'mod prematur minħabba tniġġis relatat mat-trasport huwa kważi t-triplu ta' dawk li jmutu f'inċidenti stradali, u miljuni jbatu minn mard respiratorju u kardjovaskulari matul il-ħajja. https://www.eea.europa.eu//publications/air-quality-in-europe-2016;http://ec.europa.eu/transport/facts-fundings/scoreboard/compare/people/road-fatalities_en

Sakemm ma titteħidx azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, it-trasport jirriskja li jsir l-akbar emittent, u dan itellef il-progress li sar f'setturi oħrajn u jipperikola l-kapaċità tal-UE li tilħaq il-miri ġenerali tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet. **Għaldaqstant, huwa essenzjali li tittieħed azzjoni deċiżiva fuq l-emissjonijiet mit-trasport**.

L-ambizzjoni tal-mobilità b'emissjonijiet baxxi hija stabbilita fl-istrateġiji ewlenin tal-UE f'dan il-qasam u speċjalment fl-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija ta' Frar 2015, li identifikat it-tranżizzjoni lejn settur tat-trasport dekarbonizzat u effiċjenti fl-użu tal-enerġija bħala waħda ta' importanza kritika[7]. Dan ġie segwit b'miżuri konkreti enfasizzati fl-Istrateġija għal Mobilità b'Emissjonijiet Baxxi li ġiet adottata f'Lulju 2016: dawn qed jiġu implimentati issa[8]. Aktar kmieni din is-sena, b'reazzjoni għat-trasformazzjonijiet profondi li għaddejjin fis-settur tat-trasport, l-inizjattiva "L-Ewropa Attiva" ppreżentat aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità nadifa, kompetittiva u konnessa għal kulħadd, flimkien ma' l-ewwel sensiela ta' miżuri[9]. Aktar riċenti, il-Kummissjoni kixfet Strateġija ta' Politika Industrijali tal-UE li għandha l-għan li tagħti s-setgħa lill-industriji Ewropej billi tkompli twassal impjiegi u tkabbir sostenibbli f'dan l-ambjent diffiċli u li qed jinbidel[10].

Is-sensiela ta' miżuri tal-lum taħt l-inizjattiva "L-Ewropea Attiva"[11] tiffoka fuq li tgħin lill-industrija Ewropea u tal-karozzi u s-settur tal-mobilità jħejju għall-futur billi jistabilixxu l-kundizzjonijiet u l-inċentivi tajbin biex **l-industrija tkun kompetittiva globalment, kif ukoll tiġġenera l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi**. Fl-istess ħin, il-miżuri proposti għandhom l-għan li jiżguraw li l-mobilità fil-futur tkun **nadifa, aċessibbli u affordabbli għal kulħadd**, u li tintrebaħ il-fiduċja tal-konsumaturi. Dan huwa kruċjali wara l-kriżi fil-fiduċja fl-emissjonijiet tal-karozzi diżil kkawżata mill-industrija tal-karozzi. Ir-regoli jridu jkunu robusti u infurzati kif xieraq, l-Ewropej irid ikollhom alternattivi tat-trasport aċċessibli u affordabbli għal vetturi ġġenerati minn fjuwil fossilu, u investimenti jridu jiġu mmirati lejn l-infrastruttura għal fjuwil alternattiv u jkunu kkoordinati kif xieraq.

Din is-sensiela se tistabbilixxi regoli ċari, realistiċi u infurzabbli biex jgħinu biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-atturi fl-industrija li joperaw fl-Ewropa u biex iżidu l-kredibilità tagħhom. Huwa se jservi wkoll biex jindika b'mod ċar it-triq lejn il-ksib tal-impenji li l-UE qablet li tieħu skont il-Ftehim ta' Pariġi u se jixpruna l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u fil-mudelli kummerċjali l-ġodda, kif ukoll użu iżjed effiċjenti tal-modalitajiet kollha għat-trasport tal-oġġetti. Barra minn hekk, il-miżuri ta' faċilitazzjoni fis-sensiela se jgħinu biex jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel u biex jagħmlu l-mixja 'l quddiem aktar prevedibbli. Il-konsumaturi se jagħmlu verament il-bidla lejn vetturi nodfa u soluzzjonijiet oħra ta' mobilità nadifa biss jekk l-infrastruttura tal-fjuwil alternattiv tkun disponibbli u jekk ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-kostijiet tat-tipi differenti ta' fjuwil disponibbli u l-kost totali relatat mas-sjieda fuq il-ħajja sħiħa tal-vettura. Fl-aħħar nett, dawn il-miżuri għandhom l-għan ukoll li jagħmlu aċċessibbli servizzi ġodda ta' mobilità għall-Ewropej kollha u jipprovdu lill-ħaddiema, lill-komunitajiet u lill-komponenti tal-katina tal-valur fl-industrija tal-karozzi, u lil oħrajn li jistgħu jmorru ħażin b'din it-tranżizzjoni, b'perspettivi ġodda għall-futur.

---

[7] COM(2015) 80.
[8] COM(2016) 501.
[9] COM(2017) 283.
[10] COM(2017) 479.
[11] Din is-sensiela tibni fuq ħafna mill-flussi ta' ħidma strateġika oħra tal-Kummissjoni Ewropea, inkluż il-Pjan ta' Investiment, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, is-Suq Uniku Diġitali, l-Aġenda tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet u Ħiliet Soċjali, l-Azzjoni Klimatika, u l-Ekonomija Ċirkulari.

Standards ġodda fir-rigward tas-CO_2 se jgħinu lill-manifatturi jħaddnu l-innovazzjoni u jipprovdu lis-suq b'vetturi b'livell baxx ta' emissjonijiet. **Id-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa** se tippromwovi soluzzjonijiet ta' mobilità nadifa fis-sejħiet għal offerti tal-akkwist pubbliku u b'hekk se tipprovdi bażi solida biex tistimula d-domanda u l-iżvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet ta' mobilità nadifa. Is-sensiela tinkludi wkoll miżuri ta' appoġġ għall-investiment għall-**iżvilupp trans-Ewropew ta' infrastruttura għall-fjuwil alternattiv**, kif ukoll standards komuni. Qed titħejja **metodoloġija biex il-konsumaturi jqabblu l-prezzijiet tal-fjuwil faċilment**. Ir-reviżjoni tad-**Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat**, li tippromwovi l-użu kkombinat ta' mezzi differenti għat-trasport tal-merkanzija (pereżempju trakkijiet u ferroviji), u tad-**Direttiva dwar is-Servizzi tal-Kowċis tal-Passiġġieri**, li tistimula l-iżvilupp ta' konnessjonijiet tal-karozzi tal-linja fuq distanzi twal madwar l-Ewropa u toffri opzjonijiet alternattivi għall-użu tal-karozzi privati, se tikkontribwixxi wkoll biex ikomplu jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport u l-konġestjoni fit-toroq. Dawn l-inizjattivi se jikkontribwixxu wkoll għall-politika industrijali integrata tal-UE[12] biex il-vetturi u soluzzjonijiet oħrajn ta' mobilità tal-futur u komponenti tagħhom jiġu vvintati u prodotti fl-UE, bl-**inizjattiva tal-batteriji** ta' importanza strateġika partikulari f'dan il-kuntest. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jkunu kosteffikaċi, teknoloġikament newtrali u soċjalment inklużivi.

Għaldaqstant, din it-tieni sensiela ta' "L-Ewropa Attiva" tindirizza **tliet prijoritajiet politiċi ewlenin**:

- Ewropa li tipproteġi lill-pjaneta;
- Ewropa li tagħti s-setgħa liċ-ċittadini tagħha;
- Ewropa li tiddefendi lill-industrija u lill-ħaddiema tagħha.

2. Ewropa li tipproteġi: Ir-rwol ewlieni tal-UE fil-Qafas ta' Pariġi u f'korpi internazzjonali li jistabilixxu l-istandards

L-isfida tal-mobilità sostenibbli hija problema globali, li hija komuni għal għadd li qed jikber ta' pajjiżi u bliet fid-dinja. Dan qed iwassal għal domanda aggregata b'saħħitha għal prodotti, teknoloġiji, u mudelli ta negozji nodfa li jappoġġjaw mobilità sostenibbli, u dan jippreżenta opportunità ta' negozju enormi għal industrija tal-UE kompetittiva f'dan is-settur.

Huwa kruċjali li l-UE tippromwovi l-ġenerazzjoni li jmiss ta' standards ta' tnaqqis tal-emissjonijiet CO_2 għat-trasport. Dan jagħti sinjal ċar lis-suq u jgħin biex l-UE tkompli tmexxi fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima filwaqt li fl-istess ħin issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea u tiżgura li l-Ewropa tibqa' tistabbilixx l-istandards fl-industrija tal-manifattura tal-karozzi. Għaldaqstant, il-proposta għal **standards ġodda tas-CO_2 għal karozzi u vannijiet wara l-2020** hija element ewlieni ta' din is-sensiela. Dawn l-istandards se jgħinu lill-Istati Membri jiksbu l-miri tal-klima tagħhom għall-2030 u jippermettu li l-ibliet iżidu l-kwalità tal-ħajja u tas-saħħa taċ-ċittadini tagħhom[13]. Huwa stmat li r-Regolament eżistenti dwar is-CO_2 mill-karozzi tal-passiġġieri ammonta għal 65 sa 85 fil-mija tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karozzi wara li ġie introdott fl-2009[14]. Fl-istess ħin, dawn l-istandards se jorbtu l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Pariġi mal-aġenda tal-kummerċ globali tal-Ewropa billi jagħtu vantaġġ kompetittiv lill-industriji tagħna, jippermettulhom li jesportaw il-prodotti tagħhom u

[12] COM(2017) 479.
[13] COM(2016) 482.
[14] Ricardo-AEA u TEPR (2015), Evaluation of Regulations 443/2009 and 510/2011: https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/transport/vehicles/docs/evaluation_ldv_co2_regs_en.pdf

jisfruttaw is-swieq tat-tkabbir hekk kif tikber id-domanda aggregata għal vetturi nodfa. Ir-reviżjoni tad-**Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa** se tgħin biex tiġi stimulata d-domanda pubblika addizzjonali għal dawn il-vetturi fl-UE. Bażi ta’ suq u ta’ industrija żviluppata sew fl-UE hija essenzjali biex jissaħħaħ il-potenzjal tal-esportazzjoni tagħna.

Il-promozzjoni tal-multimodalità u l-kombinazzjoni ta’ tipi differenti ta’ trasport huma kruċjali wkoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar **it-trasport ikkombinat** se tistimula l-użu kkombinat ta’ trakkijiet u ferroviji, ċattri jew vapuri għat-trasport ta’ oġġetti, billi jsiru aktar kompetittivi meta mqabbla mat-trasport tal-merkanzija bit-triq biss. It-tnaqqis tal-għadd ta’ trakkijiet fit-toroq ifisser tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ CO_2 u tniġġis fl-arja mis-settur tat-trasport tal-merkanzija, kif ukoll tnaqqis fil-konġestjoni u inċidenti fit-toroq tagħna[15].

Bl-istess mod, il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi riveduta d-Direttiva dwar **is-servizzi tal-kowċis tal-passiġġieri** se ttejjeb il-mobilità taċ-ċittadini billi tistimula l-iżvilupp tal-konnessjonijiet tal-karozzi tal-linja u b’hekk toffri opzjonijiet alternattivi għall-użu tal-karozzi privati u żżid l-użu tal-mezzi sostenibbli tat-trasport pubbliku[16]. Dawn is-servizzi se jġibu wkoll benefiċċji ekonomiċi u soċjali, reazzjoni akbar għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi u opzjonijiet reali għal persuni bi dħul baxx.

Dawn il-proposti leġiżlattivi se jkunu appoġġjati u msaħħa minn firxa wiesgħa ta’ miżuri abilitanti li huma mbassra f’din is-sensiela.

3. Ewropa li tagħti s-setgħa: L-ebda konsumatur tat-tieni klassi u l-ebda reġjun ma jitħalla l-art

Il-libertà li ċ-ċittadini jiċċaqalqu mingħajr xkiel madwar it-territorju tal-Unjoni hija kisba ewlenija tal-Unjoni Ewropea. Hija ippermettiet li n-nies jivvjaġġaw bla xkiel minn Stat Membru għal ieħor, kemm fuq xogħol kif ukoll għal btala. L-UE għandha obbligu li tiffaċilita u tagħmel il-liberta ta’ moviment aktar faċli bejn il-fruntieri għaċ-ċittadini tagħha. It-trasport se jkompli jikber, iżda jrid jiżviluppa b’mod sostenibbli[17]. L-esperjenza ta’ kuljum ta’ konġestjonijiet tat-traffiku u l-kriżi dwar l-emissjonijiet tal-karozzi diżil bir-raġun wasslu għal sejħiet biex it-trasport fit-toroq jikkontribwixxi għal saħħa u kwalità tal-arja aħjar. F’xi każijiet, dawn wasslu għall-adozzjoni ta’ miżuri politiċi fil-livell lokali li jiskoraġġixxu l-użu ta’ karozzi f’żoni urbani, li diġà qed jinfluwenzaw l-għażliet ta’ mobilità tal-konsumaturi.

Wara l-falliment tal-emissjonijiet tal-karozzi diżil u l-kriżi qawwija fil-fiduċja tal-konsumaturi li rriżultat, il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni biex tiżgura offerta aħjar għall-konsumaturi u biex jerġa’ jkun hemm fiduċja fl-approċċ tal-UE. Qed indaħlu fis-seħħ **qafas ta’ ttestjar robust għall-approvazzjoni tat-tip** abbażi ta’ proċeduri ġodda ta’ ttestjar li se jiżguraw konformità effettiva mar-regoli[18]. Dan il-qafas se jipprovdi wkoll pjattaforma solida biex jiġu applikati l-istandards tal-emissjonijiet il-ġodda tas-CO_2 wara l-2020.

Irridu noqogħdu attenti wkoll li niffaċilitaw **l-aċċess tal-konsumaturi għal** forom affordabbli, ġodda u aktar nodfa ta’ mobilità u niżguraw li l-benefiċċji ta’ dawn is-servizzi l-

[15] COM(2017) 648.
[16] COM(2017) 647.
[17] COM(2016) 501.
[18] COM(2016) 031. Barra minn hekk, ġew introdotti proċeduri ta’ ttestjar ġodda fil-livell tal-UE biex jittestjaw l-emissjonijiet mill-karozzi f’kundizzjonijiet reali tas-sewqan kif ukoll fil-laboratorju, u minn Settembru 2017 bdew japplikaw għal tipi ġodda ta’ vetturi.

ġodda ta' mobilità jkunu disponibbli għal kulħadd u jkunu mifruxa b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Teknoloġiji ġodda u mudelli ta' negozju innovattivi u kollaborattivi jagħmlu s-sistema ta' mobilità tagħna aktar sostenibbli. Madankollu, irridu nevitaw li joħolqu qasma diġitali li tikkawża inugwaljanzi ġodda jew iċċaħħad lil xi reġjuni jew żoni mill-benefiċċji li jirriżultaw minn dawn l-innovazzjonijiet.

Soluzzjonijiet ta' emissjonijiet baxxi jew ebda emissjoni mhux se jsiru realta' mifruxa fit-toroq Ewropej mingħajr ma jkun hemm fis-seħħ **infrastruttura xierqa għall-fjuwil alternattiv**. L-industrija issa qed tħabbar investimenti konsiderevoli, partikolarment fil-produzzjoni ta' vetturi elettriċi. Jekk irridu li l-konsumaturi jiġu attirati lejn alternattivi kredibbli għal vetturi bi fjuwil konvenzjonali, huwa essenzjali li jkun hemm biżżejjed infrastruttura fis-seħħ. Il-perjodu taż-żmien mill-2020 sal-2025 se jkun kritiku fl-Ewropa, u t-tbassir attwali jissuġġerixxi li l-vetturi b'emissjonijiet baxxi jew ebda emissjoni se jammontaw għal 7 fil-mija tal-vetturi fit-toroq Ewropej fl-2025[19]. Jenħtieġ li l-investimenti jiġu mobilizzati malajr biex jipprevjenu li nuqqas ta' infrastruttura xierqa toħloq konġestjoni fil-futur.

Diġà hemm fis-seħħ qafas ta' politika tal-UE ċar għal infrastruttura ta' fjuwil alternattiv, u l-Istati Membri għandhom rwol primarju fl-iskjerament tiegħu fit-territorju tagħhom[20]. Madankollu, **il-livell ta' ambizzjoni tal-istrateġiji ta' politika nazzjonali mhuwiex biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda futura**. Barra minn hekk, huwa importanti li l-infrastruttura u s-servizzi jkunu interoperabbli bejn il-fruntieri. Jenħtieġ li l-konsumaturi jesperjenzaw mobilità b'emissjonijiet baxxi bħala mobilità mingħajr inkwiet[21]. Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi u l-atturi tas-suq jiżguraw li s-servizzi ta' infrastruttura jkunu interoperabbli.

Irid jitħaffef l-iskjerament ta' infrastruttura ta' fjuwil alternattiv u jrid jimtela l-vojt[22]. Huwa hawnhekk fejn l-UE tista' u trid tagħmel differenza. Appoġġ finanzjarju mill-UE jkun kruċjali biex parzjalment ikopri l-ħtiġijiet finanzjarji fl-oqsma fejn għad hemm fallimenti tas-suq għall-investiment, pereżempju għan-netwek ewlieni tat-trasport trans-Ewropew. Dan l-appoġġ pubbliku għandu jidher bħala mod kif jiġi ingranat investiment privat sinifikanti, inkluż permezz ta' metodi ta' finanzjament ġodda bħat-taħlit ta' għotjiet ma' self, kif ippromwova l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa[23]. Is-sensiela fiha **Pjan ta' Azzjoni biex jiġi xprunat l-investiment fl-infrastruttura tal-fjuwil alternattiv** u jiġi żviluppat netwerk ta' stazzjonijiet ta' ċċarġjar u tal-fjuwil madwar l-Unjoni[24].

Il-Kummissjoni qed iżżid l-appoġġ finanzjarju biex tingrana l-investiment pubbliku u privat għat-tnedija tal-Infrastruttura tal-Fjuwil Alternattiv; massimu ta' EUR 800 miljun saru

---

[19] COM(2017) 650.

[20] Id-Direttiva 2014/94.

[21] "*Għandi viżjoni ta' (...) vjaġġatur transfruntier li jkun jista' jiċċarġja l-karozza elettrika tiegħu matul l-awtostrada bl-istess mod li nimlew il-karozza bil-petrol illum*", id-diskors tal-President Juncker lill-Parlament Ewropew, Novembru 2014 [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[22] Huma meħtieġa EUR 1,5 biljun sempliċiment biex il-kurituri tan-netwerks trans-Ewropej tat-Trasport jitgħammru b'infrastruttura bażi sal-2025 għall-fjuwil alternattiv kollu. Il-ħtiġijiet għall-investiment huma ogħla b'mod sinifikanti meta jitqies in-netwerk tat-trasport kollu.

[23] https://ec.europa.eu/commission/priorities/jobs-growth-and-investment/investment-plan-europe-juncker-plan_mt

[24] COM(2017) 652.

disponibbli għal dan l-iskop[25]. Dan se jgħaqqad il-fondi sostanzjali li diġà qed ikunu ddedikati għal dan il-qasam taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Fondi Struttuali u ta' Investiment Ewropej[26]. Il-Politika ta' Koeżjoni tista' tappoġġja l-iskjerament tal-infrastruttura għal fjuwil alternattiv, għall-mezzi kollha u għall-fjuwil kollu, bħall-istazzjoni ta' ċċarġjar f'ibliet individwali, kif ukoll f'komunitajiet iżgħar, iżda tgħin ukoll biex tiffinanzja l-akkwist ta' vetturi bi fjuwil alternattiv, bħal karozzi tal-linja tal-ibliet nodfa[27].

Huma meħtieġa kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u fil-livell lokali biex jiġi żgurat li jimtela kull vojt u li l-konsumaturi u l-karozzi nodfa tagħhom ma jitħallewx għal riħhom. Is-sewwieqa jridu jkunu jafu li jistgħu jsuqu madwar l-UE b'aċċess faċli għaċ-ċarġjar fejn u meta jkunu jeħtiġuh. **L-ebda reġjun tal-UE u l-ebda konsumatur ma għandu jitħalla barra.**

Din is-sensiela tappoġġja lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-ibliet biex iżidu l-offerti tagħhom għal trasport nadif liċ-ċittadini. Dan jissaħħaħ billi tiżdied il-kontribuzzjoni tal-akkwist pubbliku għat-teħid ta' vetturi nodfa mis-suq billi **jiġu promossi vetturi nodfa f'sejħiet għal offerti tal-akkwist pubbliku**[28]. L-ibliet għandhom rwol kritiku x'jaqdu fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikulari permezz tal-politiki ta' mobilità nadifa. Iċ-ċerimonja tal-Patt tas-Sindki fi Frar 2018 se tgħaqqad flimkien aktar minn 700 sindku Ewropew biex ikomplu jistimulaw din l-azzjoni fil-livell lokali.

Barra minn hekk, is-sensiela tiġi kkumplimentata minn ħidma kontinwa biex tittejjeb il-kapaċità tal-konsumaturi li jagħmlu għażliet aktar raffinati meta jixtru jew jużaw vettura billi toffri **metodoloġija li tqabbel il-kost tat-tipi differenti ta' fjuwil disponibbli**, u turihom il-benefiċċji jekk jaqilbu għal soluzzjonijiet ta' mobilità aktar nodfa. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed tiżviluppa **metodoloġija Ewropea dwar it-tqabbil tal-prezzijiet tal-fjuwil** flimkien mal-Istati Membri u diġà għamlet disponibbli **għodda ta' Sewqan Ekoloġiku** li tippermetti li l-konsumaturi jqabblu l-impatt ta' teknoloġiji differenti dwar il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet CO_2[29].

Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment nedew **il-"Faċilità għal Trasport Nadif"** biex jiffinanzjaw proġetti fi trasport nadif, b'attenzjoni għat-trasport pubbliku, bl-użu tal-finanzjamenet għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u/jew il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Taħt **il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali**, fejn massimu ta' EUR 35 biljun huma disponibbli biex jiġi appoġġjat settur tat-trasport dekarbonizzat u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, EUR 12,4-il biljun huma disponibbli għal trasport urban nadif. Permezz tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea ("Interreg"), b'mod partikulari, jista' jiġi żgurat l-iskjerament ta' infrastruttura ta' fjuwil alternattiv b'mod koerenti

[25] Illum il-Kummissjoni qed tagħmel EUR 350 miljun disponibbli mill-baġit għat-Trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jista' jiġġenera sa massimu ta' EUR 1,7 biljun f'investiment totali minn, fost l-oħrajn, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-bank Ewropew tal-Investiment, u banek pubbliċi u privati taħt is-Sejħa għat-Taħlit tas-CEF. Sa masssimu ta' EUR 450 miljun se jsiru disponibbli mid-dħul mhux żborżat tal-programm NER300 permezz tal-Istrument tad-Dejn tal-faċilita Nikkollegaw l-Ewropa, immaniġġjat mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Aktar dettalji: https://ec.europa.eu/clima/policies/lowcarbon/ner300_mt

[26] Madwar EUR 70 biljun f'Fondi ta' Koeżjoni u f'Fondi Reġjonali u Strutturali Ewropej ġew ipprogrammati biex jagħmlu s-sistema tat-trasport tal-UE aktar effiċjenti, aktar ekoloġika u inqas intensiva fuq il-karbonju.

[27] Ir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jservu bħala lokalitajiet ta' ttestjar għal soluzzjonijiet tal-enerġija nodfa u altenattivi. Ara COM(2017) 623.

[28] COM(2017 653.

[29] https://green-driving.jrc.ec.europa.eu/

fil-livelli reġjonali u lokali. Diversi Stati Membri diġà użaw l-opportunità li jipprogrammaw l-iskjerament ta' infrastruttura ta' fjuwil alternattiv jew jixtru vetturi ferrovjarji nodfa għat-trasport pubbliku (pereżempju karozzi tal-linja elettriċi). Pereżempju, fir-Repubblika Ċeka l-programm tat-Trasport qed jappoġġja (b'madwar EUR 30 miljun) l-iskjerament ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Diversi Stati Membri qed ibassru li se jixtru karozzi tal-linja elettriċi b'appoġġ mill-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej, inklużi l-Polonja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja u Spanja.

4. Ewropa li tiddefendi: Il-promozzjoni tal-kompetittività industrijali tal-UE biex jittrawmu l-impjiegi, it-tkabbir u l-investimenti

L-indirizzar ral-isfida tal-enerġija u tal-klima huwa opportunità sinifikanti biex l-industrija tal-UE żżid il-kompetittività u ssaħħaħ it-tmexxija globali permezz tal-innovazzjoni. Is-sħab kummerċjali ewlenin tagħna diġà mexjin lejn din id-direzzjoni, iċ-Ċina qed tistabbilixxi miri ambizzjużi biex tipproduċi u timporta vetturi nodfa (jiġifieri vetturi elettriċi u b'ċelluli tal-fjuwil) għall-2019 u l-2020, u dan ifisser madwar 5 fil-mija tal-bejgħ ġdid kollu fl-2019. Il-karozza ġiet ivvintata fl-Ewropa u l-Ewropa trid tmexxi fl-invenzjoni mill-ġdid tagħha.

Aktar minn qatt qabel, l-industrija tal-UE b'mod ġenerali u s-setturi tal-karozzi u tal-mobilità b'mod partikulari qed jiffaċċjaw trasformazzjonijiet kbar fin-negozji, fl-offerti tal-prodotti u fil-proċessi tagħhom. It-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-innovazzjoni fis-sistemi elettriċizzati tal-motopropulsjoni, is-sewqan awtonomu u l-vetturi konnessi huma fost l-akbar evoluzzjonijiet tagħhom, filwaqt li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni wkoll qed jittrasformaw b'mod profond il-proċessi tradizzjonali ta' manifattura. Il-ktajjen tal-valur fis-settur tal-karozzi inkluż il-komponenti qed jinbidlu malajr b'atturi ġodda jidħlu fis-suq. Fl-istess ħin, l-industrija Ewropea tal-karozzi issa għandha kompitu kbir li terġa' tirbaħ il-fiduċja tal-konsumaturi.

Is-settur tal-karozzi huwa kruċjali għall-prosperità tal-Ewropa, jipprovdi impjiegi għak 12-il miljun persuna fil-manifattura, fil-bejgħ, fil-manteniment u fit-trasport u jammonta għal 4 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross tal-UE. Is-settur tal-karozzi tal-UE huwa fost l-akbar produtturi tad-dinja tal-vetturi bil-mutur. Huwa jirrappreżenta l-akbar kontributur privat tal-Ewropa għar-riċerka u l-iżvilupp, b'aktar minn EUR 50 biljun investiti fis-sena[30].

L-ambizzjoni tagħna hi li nagħmlu l-industrija tal-UE aktar b'saħħitha u aktar kompetittiva fit-tul. **L-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni huma ċentrali biex tinżamm it-tmexxija tal-Ewropa fl-industrija tal-karozzi tal-futur.** Dan huwa pilastru ċentrali fil-politika industrijali usa' tal-UE[31].

Dawn it-trasformazzjonijiet industrijali li għaddejjin qed jitfgħu pressjoni sinifikanti fuq il-forza tax-xogħol biex tadatta; għaldaqstant huma jridu jkunu akkumpanjati minn miżuri li jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel u jżidu r-reżiljenza sabiex **in-nies u l-komunitajiet jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet il-ġodda**. Dawn il-miżuri jridu jindirizzaw rekwiżiti ġodda tax-xogħol, jappoġġjaw it-tagħlim tul il-ħajja u jappoġġjaw il-ħaddiema fit-tranżizzjoni minn impjieg għal ieħor billi jgħinu b'mod attiv lil dawk fis-setturi affettwati li jaf ikollhom jiċċaqalqu barra mis-settur biex jitħarrġu mill-ġdid u jsibu impjiegi ġodda. Il-Kummissjoni, fi sħubija mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati bħall-impjegaturi, ir-

[30] Ara r-rapport GEAR2030: http://ec.europa.eu/growth/content/high-level-group-gear-2030-report-on-automotive-competitiveness-and-sustainability_mt
[31] COM(2017) 479.

rappreżentanti tal-ħaddiema u l-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, qed tappoġġja r-reżiljenza u l-kompetittività tas-swieq tax-xogħol, tindirizza n-nuqqas u l-ispariġġi fil-ħiliet u tappoġġja l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda permezz ta' tagħlim barra mill-pajjiż. L-inizjattivi ewlenin jinkludu l-Aġenda għall-Ħiliet tal-UE[32] u l-Pjan ta' Azzjoni għal Koperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet[33], il-Fond Soċjali Ewropew u l-Programm Erasmus+[34]. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll mezzi biex timmassimizza l-potenzjal tal-innovazzjoni tal-Ewropa permezz ta' "speċjalizzazzjoni intelliġenti" fil-livell reġjonali, inklużi il-bini ta' reżiljenza soċjali fil-komunitajiet billi tiġi ġġenerata l-attività ekonomika u fl-istess ħin jinħolqu l-impjiegi u jingħata appoġġ għar-reġjuni fi tranżizzjoni[35]. Se tiġi żviluppata wkoll għodda għall-industrija u għall-edukazzjoni u għal dawk li jħarrġu biex tappoġġja l-informazzjoni dwar il-ħiliet u t-tbassir[36].

Il-liġijiet tal-UE jridu jistabbilixxu l-inċentivi ġusti biex l-industrija tibqa' fit-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni, u t-tmexxija industrijali teknoloġoka u globali. Dan ifisser li l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni jridu jsiru flimkien ma' investimenti fid-diġitalizzazzjoni u fl-awtomatizzazzjoni ħalli l-Ewropa tkun tista' tmexxi wkoll f'din it-tellieqa teknoloġika importanti. Minkejja t-tkabbir rapidu mistenni fil-vetturi nodfa, speċjalment dawk elettriċi, huwa mbassar li fl-2030 fin-nuqqas ta' politiki ġodda, madwar 90 fil-mija tal-karozzi fit-toroq Ewropej se jibqgħu jiġu ġġenerati biss b'magna bil-kombustjoni[37]. Proċess ta' trasformazzjoni bbilanċjat u sostenibbli jeħtieġ investimenti kontinwi biex tiżdied l-effiċjenza tal-fjuwil tal-vetturi u biex ikunu kkummerċjalizzati b'suċċess vetturi b'emissjonijiet baxxi jew b'ebda emissjoni. Dan l-approċċ ibbilanċjat iħalli spazju għal titjib kontinwu fl-effiċjenza fil-magna bil-kombustjoni, u se jippermetti ż-żmien meħtieġ għall-iskjerament ta' infrastruttura u għal aktar vetturi nodfa bi prestazzjoni tajba biex jilħqu s-suq u jsiru affordabbli u aċċessibbli għall-Ewropej kollha[38].

Għaldaqstant, il-proposta tal-Kummissjoni għall-istandards tal-emissjonijiet **CO_2 għall-karozzi u għall-vannijiet** wara l-2020 tinkludi miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ambizzjużi iżda fl-istess ħin realistiċi għall-2025 u għall-2030. Hija tistabbilixxi wkoll sistema ta' għoti ta' krediti abbażi ta' valur referenzjarju għas-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi jew ebda emissjoni, minflok ma toħroġ xi teknoloġija speċifika bi kwoti fissi. Hija tipprovdi sinjal ċar u b'saħħtu lill-investituri f'infrastruttura ta' sistemi tal-motopropulsjoni u ta' fjuwil alternattiv, bil-ħsieb li tagħti inċentiv sod lil dawk li jinsabu fuq quddiem biex ikomplu jinvestu f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Rieżami ta' nofs it-terminu tal-leġiżlazzjoni se jippermetti li l-Kummissjoni tivvaluta l-effettività tal-leġiżlazzjoni u, fejn xieraq, tipproponi tibdil.

Il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li **tinżamm definizzjoni teknoloġikament newtrali ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi u b'ebda emissjoni**, bil-għan li tiġi inċentivizzata l-penetrazzjoni tas-suq ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi u b'ebda emissjoni daqs dawk bl-ogħla potenzjal ta' tnaqqis ta' CO_2, iżda anke daqs dawk li se jagħtu benefiċċju kollaterali

---

32 COM(2016) 381.
33 Il-pjan ta' azzjoni qed jitmexxa f'sitt setturi, inkluż is-settur tal-karozzi: http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223&intPageId=4320&langId=mt
34 http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/node_mt
35 COM(2017) 376.
36 http://skillspanorama.cedefop.europa.eu/en
37 COM(2017) 650.
38 "Sal-2024 il-kost medju biex titħaddem vettura elettrika fuq 4 snin għandu jilħaq dak ta' karozza bil-petrol" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara l-istudju tal-BEUC: http://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2016-122_low_carbon_cars_in_the_2020s-brochure.pdf

importanti ħafna għall-arja nadifa. Dan l-approċċ se jippermetti stabilità regolatorja għall-industrija, u jagħtiha biżżejjed żmien biex tippjana, filwaqt li jħaffef iż-żieda tal-vetturi b'emissjonijiet baxxi u b'ebda emissjoni fis-suq tal-UE għall-benefiċċju tal-kwalità tal-ħajja tal-konsumaturi u taċ-ċittadini Ewropej permezz ta' arja aktar nadifa fl-ibliet tagħna.

Vetturi konnessi u awtomatizzati għandhom potenzjal sinifikanti biex inaqqsu l-konġestjoni, l-emissjonijiet tal-karbonju, it-tniġġis tal-arja, u l-għadd ta' mwiet fit-toroq tagħna. Dawn il-vetturi diġà qed jidħlu fis-suq tal-UE u jirrappreżentaw aktar sfidi u opportunitajiet għall-kompetittivita tal-industrija. Sabiex ingawdu mill-benefiċċju sħiħ ta' ttestjar transfruntier fuq skala kbira u programmi ta' riċerka u ta' finazjament kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri, jeħtieġ li niżguraw li l-iskjerament transfruntier u dak mifrux mal-UE u l-bidu ta' din it-teknoloġija jitwettqu b'mod koerenti u kkoordinat tajjeb. Apparti l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni f'dan il-qasam, il-Kummissjoni qed tkompli bil-ħidma tagħha fuq il-kwistjonijiet kollha ta' politika u dawk regolatorji relatati, inkluż li tikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' livell għoli GEAR 2030[39].

Il-mobilità elettrika fuq skala wiesa' madwar l-Ewropa tfisser li l-għadd ta' **batteriji** meħtieġa fl-UE se jiżdied b'mod sinifikanti. Fil-fatt, il-batteriji jinsabu fil-qalba ta' din ir-rivoluzzjoni industrijali ġdida u huma fattur ewlieni tat-tranżizzjoni għal mobilità nadifa. L-iżvilupp u l-produzzjoni tagħhom għandhom rwol strateġiku fit-tranżizzjoni li għaddejja għal sistemi ta' mobilità nadifa u enerġija nadifa.

It-tbassir tas-suq globali jipprevedi li d-domanda għall-batteriji tal-joni tal-litju se tikber għal 210-535 GWh sal-2025, meta mqabbel ma' 78 GWH illum. It-tbassir tad-domanda tas-suq fl-Ewropa jvarja minn 37 sa 117 GWh fl-2025, filwaqt li huwa inqas minn 10 GWh illum.[40]

Il-proposta rigward l-istandards tas-CO_2 għall-karozzi u għall-vannijiet, inkluż is-sistemi ta' għoti ta' krediti għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jew b'ebda emissjoni, se toħloq iċ-ċarezza u l-prevedibilità meħtieġa rigward il-pass tal-iskjerament fl-UE sal-2030 filwaqt li tiffaċilita l-aċċess tal-konsumatur għal forom aktar nodfa u affordabbli ta' mobilità. It-tħabbir ta' manifatturi tal-karozzi fir-rigward taż-żmien u l-ambizzjoni ta' mudelli elettrifikati ġodda li se jidħlu fis-suq fis-snin li ġejjin jikkonferma ż-żieda mistennija fid-domanda għall-batteriji. Minn perspettiva industrijali, it-tkabbir fid-domanda se jkun jeħtieġ investimenti kbar fil-katina tal-valur tal-batteriji minn issa sal-2025, inkluż żieda enormi fil-manifattura taċ-ċelloli tal-batteriji. Għaldaqstant, għandna quddiemna opportunità ċara biex l-Ewropa tiġbed l-investimenti matul il-katina tal-valur lejn l-UE.

Għaldaqstant, l-Ewropa teħtieġ li tieħu passi deċiżivi b'mod urġenti biex **tistabbilixxi katina tal-valur kompluta għall-iżvilupp u l-manifattura ta' batteriji avvanzati fl-UE.** Dan għandu japplika għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batterija, inkluż l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ, kif ukoll żieda tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-materja prima. Se jkun kruċjali wkoll **li timxi malajr mir-riċerka għall-ittestjar u d-dimostrazzjoni tal-manifattura ta' teknoloġija avvanzata taċ-ċelloli tal-batterji tal-UE**. Il-kumpaniji Ewropej għandhom il-kompetenza u l-kapaċità li jagħmlu l-Ewropa l-kontinent mexxej għall-mobilità elettrika u l-batteriji tal-ġenerazzjoni li jmiss. Dan jista' jintlaħaq billi tinħoloq ekosistema tal-batteriji pan-Ewropea u transsettorjali li kapaċi twassal għal tmexxija

[39] Ara wkoll ir-rapport GEAR2030.
[40] JRC Science for Policy Support, EU competitiveness in Advanced Li-ion Batteries for E-mobility and Stationary Storage Applications – Opportunities and Actions, Settembru 2017.

teknoloġika fis-sistemi tal-batteriji bi prestazzjoni għolja u ddifferenzjati skont il-klijent li jkunu prodotti b'mod kompetittiv fl-Ewropa.

Minħabba l-livell u l-urġenza tal-investiment meħtieġ, dan ma jistax isir b'mod frammentat. Huwa jeħtieġ **approċċ mifrux madwar l-Ewropa**. Meta wieħed iqis l-ambjent kompetittiv globali li qed jinbidel malajr, dan l-approċċ ma għandux jiffoka fuq proġett uniku jew teknoloġija unika, iżda għandu jkollu l-għan li jippromwovi u jikkoordina l-proġetti mmexxija mill-industrija matul il-katina ta' provvista tal-batterija f'inizjattivi konġunti biex jgħaqqad flimkien il-kompetenza u r-riżorsi finanzjarji f'dan il-qasam speċifiku. Kwalunkwe strateġija Ewropea tal-batteriji trid tikkonċerna ħafna aktar minn batteriji tal-vetturi, minħabba r-ramifikazzjonijiet wiesa' għas-sistemi ta' mobilità u enerġija sħaħ Ewropej, u anke lil hinn minn dawn, minħabba l-implikazzjonijiet ċari għall-istrateġiji tal-politika industrijali u l-ekonomija ċirkulari tal-UE, kif ukoll għas-sħubiji ekonomiċi tagħha ma' pajjiżi terzi, u b'mod partikulari mal-Afrika f'dak li għandu x'jaqsam mal-materja prima[41].

Sabiex tagħti bidu għal proġetti konkreti, il-Kummissjoni se talloka EUR 200 miljun direttament għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-batteriji taħt l-Orizzont 2020 (Programm ta' Ħidma 2018-2020) apparti l-EUR 150 miljun diġà allokati. Barra minn hekk, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji mfassla apposta bħall-Proġetti ta' Dimostrazzjoni fil-Qasam tal-Enerġija InnovFinn jistgħu jipprovdu kundizzjonijiet ta' finanzjament attraenti għal proġetti industrijali permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment[42].

Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri[43] u se tmur lura għal dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tal-"Jiem Industrijali" fi Frar 2018. L-industrija u l-komunità tal-innovazzjoni tal-UE se jmexxu dan il-proċess, u se jaħdmu bi sħubija mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-Bank Ewropew tal-Investiment u ma' Stati Membri interessati biex jistabbilixxu katina ta' żvilupp u ta' manifattura kompetittiva u profitabli, jilħqu swieq imdaqqsa u jixprunaw l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment madwar l-Ewropa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha diversi strumenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tiffaċilita l-investiment konġunt u l-kooperazzjoni fost l-atturi privati u pubbliċi matul il-katina tal-valur kif ukoll qafas tal-Għajnuna mill-Istat iddefinit sew li jappoġġja dawn l-azzjonijiet[44].

L-UE għandha portafoll kbir ta' strumenti, li jistgħu jiġu diretti għall-iżvilupp tal-batteriji. Dawn jinkludu **l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi**, **il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** (b'EUR 44 biljun potenzjalment disponibbli, fost affarijiet oħra, għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-batteriji skont l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti żviluppati fir-reġjuni tal-UE, u EUR 35 biljun għat-trasport dekarbonizzat u effiċjenti fl-użu tal-enerġija), u l-Kummissjoni Ewropea se talloka EUR 200 miljun direttament għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-batteriji taħt **l-Orizzont 2020** (2018-2020) apparti l-EUR 150 miljun diġà allokati.

5. Konklużjonijiet

It-tieni sensiela ta' miżuri skont l-inizjattiva "L-Ewropa Attiva" għandhom l-għan li jiżguraw li fl-Ewropa jiġu żviluppati, offruti u manifatturati l-aħjar soluzzjonijiet, tagħmir u vetturi ta'

41 COM(2014) 297.
42 http://www.eib.org/products/blending/innovfin/products/energy-demo-projects.htm
43 Laqgħa ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp u l-Produzzjoni tal-Batteriji fl-Ewropa, il-11 ta' Ottubru 2017, http://europa.eu/rapid/press-release_STATEMENT-17-3861_en.htm
44 Il-Ġurnal Uffiċjali C 188 tal-20.6.2014, p.4.

mobilità b'emissjonjiet baxxi jew b'ebda emissjoni, konnessi u awtomatizzati u li jkollna fis-seħħ l-aktar infrastruttura ta' appoġġ moderna. Fl-istess ħin hija tikkontribwixxi għat-tindif tal-ambjent għaċ-ċittadini u għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja tagħhom, speċjalment permezz ta' kwalità tal-arja aħjar fl-ibliet u billi titnaqqas il-konġestjoni. Il-miżuri proposti taħt din is-sensiela jikkontribwixxu wkoll biex terġa' tintrebaħ il-fiduċja tal-konsumaturi.

Għaldaqstant, din is-sensiela tinkludi taħlita ta' miżuri orjentati lejn il-provvista u d-domanda biex l-Ewropa titpoġġa fit-triq lejn mobilità b'emissjonijiet baxxi u ssaħħaħ il-kompetittività tal-ekosistema Ewropea tal-karozzi u tal-mobilità. Din is-sensiela tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet ċari biex l-Istati Membri jimlew nuqqasijiet fl-infrastruttura eżistenti u jindirizzaw ħtiġijiet ta' infrastruttura identifikati, kif ukoll jenfasizzaw l-azzjoni biex jiġi mobilizzat il-finanzjament, fejn meħtieġ, fil-livell tal-UE. Għaldaqstant, hija tipprovdi aktar ċertezza politika u regolatorja u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

Din is-sensiela tibni wkoll fuq ħafna mill-flussi ta' ħidma strateġiċi oħra tal-Kummissjoni li, fost affarijiet oħra, għandhom l-għan li jżidu l-istallazzjoni ta' faċilitajiet ta' ċċarġjar fid-djar, f'binjiet pubbliċi u f'parkeġġi[45], jgħinu lin-negozji u lill-konsumaturi Ewropej biex jagħmlu t-tranżizzjoni għal ekonomija aktar b'saħħitha u ċirkolari meta r-riżorsi jintużaw b'mod aktar sostenibbli[46], kif ukoll jappoġġjaw ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-swieq tax-xogħol. Hija indirizzata lill-Ewropej kollha bħala ċittadini, ħaddiema u konsumaturi. Hija se tixpruna l-kompetittività tal-Ewropa u twassal għal titjib tanġibbli, kemm għas-suq uniku tal-UE, fi Stati Membri fil-livelli nazzjonali u reġjonali, kif ukoll f'żoni urbani.

Il-Kummissjoni titlob lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jaħdmu flimkien mill-qrib biex jiżguraw l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapidi ta' dawn il-proposti u miżuri differenti, biex il-benefiċċji għall-industrija, għan-negozji, għall-ħaddiema u għaċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jiġu massimizzati u ġġenerati malajr kemm jista' jkun.

Il-Kummissjoni se tippreżenta t-tielet u l-aħħar sensiela ta' "L-Ewropa Attiva" fl-ewwel nofs tal-2018. Din se tinkludi miżuri għal standards tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju għat-trakkijiet, segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' livell għoli GEAR2030[47] adottat fit-18 ta' Ottubru 2017, azzjonijiet fil-qasam tal-vetturi kooperattivi, konnessi u awtomatizzati u soluzzjonijiet tal-mobilità, kif ukoll proposti li jiffaċilitaw id-dokumentazzjoni elettronika għat-trasport u li jtejbu s-sigurtà fit-toroq fl-UE.

---

[45] COM(2016) 860.

[46] https://ec.europa.eu/commission/priorities/jobs-growth-and-investment/towards-circular-economy_mt

[47] Ir-rapport GEAR2030, Ottubru 2017.